**_Ruling_ tal-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia dwar talba ta' ksur ta' privileġġ imqajma miċ-Chairperson tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi**

Fil-laqgħa tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi li nżammet nhar l-Erbgħa, 3 ta' Marzu 2021, iċ-Chairperson ta-Kumitat, l-Onor. Beppe Fenech Adami, informa lill-Kumitat b'korrispondenza li huwa kien irċieva mill-Awditur Ġenerali dwar każ li huwa kien qiegħed jinvestiga fuq talba tal-Membri tal-Oppożizzjoni fuq il-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi dwar '*The negotiated contract awarded to St Vincent de Paul Residence to the JCL and MHC Consortium in November 2017 for the Management of four additional blocks*'.

Ser nikkwota dak li ġie rilevat miċ-Chairperson waqt din il-laqgħa:

> "**IĊ-CHAIRPERSON:** Ġiet ikkomunikata lili wkoll kopja ta' ittra datata 17 ta' Frar, 2021 li l-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali rċieva mis-Sur James Barbara għan-nom ta' James Caterers Ltd., liema ittra waslet għandi dalgħodu u tlabt lis-Segretarja tal-Kumitat biex tagħmel kopja tagħha lilkom fejn bażikament – u issa din l-ittra wkoll tiġi mtella' fuq il-*website* ta' dan il-Kumitat – is-Sur James Barbara qiegħed joġġezzjona għall-mod kif l-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali investiga jew qed jinvestiga talba li saret rigward *tender* li ngħata lill-kumpanija tas-Sur Barbara jew konsorzju li jagħmel parti minnu u fi kliem iebes qed iżomm lill-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali responsabbli għal kwalunkwe danni li jista' jsofri fl-eventwalità li jkun hemm rapport li fil-fehma ta' James Caterers Limited ikun ikkawżalhom.
>
> Irċevejt ukoll kopja ta' ittra li bagħat l-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali *tramite* l-Avukat tiegħu, il-Prof. Ian Refalo, li permezz tiegħu l-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali qed jinnota li dak li hemm kontenut fl-ittra tas-Sur Barbara huwa "*extremely offensive and disturbing*" u fil-fehma tiegħu jagħmel pressjoni, jew qed jagħmel pressjoni indebita fil-konfront tal-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali. Fl-istess ittra l-Prof. Refalo, għan-nom tal-Awditur Ġenerali, qiegħed jesiġi li l-allegazzjonijiet serji li saru fil-konfront tal-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali minn James Caterers Limited jiġu rtirati u jirrileva wkoll li huwa Uffiċjal ta' dan il-Parlament u dan li sar permezz ta' din l-ittra jista' jkun jikkostitwixxi ksur ta' privileġġ.
>
> Sussegwentement, l-ittra tal-Prof. Refalo kienet fit-23 ta' Frar. Fis-26 ta' Frar l-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali rċieva ittra oħra, din id-darba mibgħuta mill-avukat Dr Stefano Filletti għan-nom ta' James Caterers Ltd., fejn jirritjeni l-ittra li ntbagħtet biex jiġu salvagwardati l-interessi tal-klijent tiegħu u jikkontendu li dak li huwa magħruf lilhom u li se jkun fiha din l-investigazzjoni, kien qed iħammeġ ir-reputazzjoni ta' din il-kumpanija.
>
> Qed nifhem li kopja ta' din l-ittra li bagħat l-Awditur Ġenerali, minbarra li ġiet komunikata lilna, ġiet ukoll komunikata lill-Ispeaker tal-Kamra. Aħna bħala Kumitat naħseb b'mod unanimu nafu u napprezzaw ix-xogħol tajjeb li jagħmel l-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali, li jaħdem b'mod indipendenti mingħajr influwenza ta' ħadd u wisq inqas għandu jopera taħt l-influwenza jew attentat ta' influwenza ta' terzi li jistgħu jkunu qegħdin taħt skrutinju f'xi biċċa xogħol li jkun inkarigat biha l-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali. Naħseb li hawn qbil unanimu. Aħna bħala Kumitat ma naqblux u nikkundannaw kwalunkwe forma, hi x'inhi u ġejja minn fejn hi ġejja, li b'xi mod tista' tiġi interpretata bħala intimidazzjoni fl-operat tal-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali.

> F'dan l-istadju naħseb li bħala Kumitat, *in vista* tal-fatt li l-Ispeaker tal-Kamra ġiet komunikata lilu din il-korrispondenza, nitolbu biex jara hu jekk dak li qed jikkontendi l-Awditur Ġenerali jikkostitwixxix xi forma ta' ksur ta' privileġġ jew xi ksur ta' xi regolamenti li jirregolaw lil dan il-Kumitat, l-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali u lil dan il-Parlament? Jekk huwa l-każ, ikun l-Ispeaker li jieħu l-provvedimenti opportuni.".

Wara li ġiet informata b'dak li ġie rilevat fil-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi, is-Sedja, rat l-istess korrispondenza datata 3 ta' Marzu 2021 li għamel referenza għaliha l-Onor. Beppe Fenech Adami, u li kopja tagħha kienet intbagħtet ukoll lis-Sedja mill-Awditur Ġenerali; l-ittra tas-17 ta' Frar 2021 li bagħat is-Sur James Barbara lill-Awditur Ġenerali dwar l-'*NAO Investigation on SVPR tender*' u li kienet annessa mal-korrisponednza mingħand l-Awditur Ġenerali; l-ittra tal-konsulent legali tal-Awditur Ġenerali datata 23 ta' Frar 2021 lis-Sur James Barbara, u l-ittra ta' Dr Stefano Filletti datata 26 ta' Frar 2021 b'risposta għall-ittra mingħand il-konsulent legali tal-Awditur Ġenerali.

Is-Sedja tifhem li l-Awditur Ġenerali ġab a konjinzzjoni tal-Kumitat u tas-Sedja din il-korrispondenza li huwa rċieva, in partikolari minħabba dak li jingħad fl-aħħar paragrafu tal-ittra li bagħat is-Sur James Barbara, datata 17 ta' Frar 2021, fejn jgħid:

> "*Please note however that in the event that negative or adverse comments are raised with respect to JCL [James Caterers Limited] or the consortium, prejudicing thereby the final sensitive negotiations currently under way, JCL will have no option but to hold the NAO and its officers personally responsible for the reputational and material damage which JCL will suffer.*".

Is-Sedja tibda billi tinnota li m'hemmx dubju li l-azzjoni kontemplata fl-ittra fuq ċitata qiegħda ssir fil-konfront tax-xogħol tal-istess Awditur Ġenerali u l-uffiċċju tiegħu, li f'dan il-każ kien qiegħed isir fuq talba ta' membri tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi, u għalhekk is-Sedja qiegħda tieħu nota tal-parti tal-ittra tat-3 ta' Marzu 2021, fejn jingħad:

> "*The audit was requested by the Public Accounts Committee on 28 August 2018, when the Opposition Members on the Committee requested the Auditor General to investigate matters relating to the issuance of a contract for the management of 500 bed-residence at St Vincent de Paul.*".

Fl-istess ittra tat-3 ta' Marzu 2021, l-Awditur Ġenerali, is-Sur Charles Deguara, jgħid ukoll illi:

> "*Of concern to the National Audit Office is the intimidation that James Caterers Limited sought to convey in this correspondence, which this Office deems entirely unacceptable and intended to influence the outcome of this audit. While the National Audit Office will not be intimidated or adversely influenced in its work for Parliament, the matter is being brought to the attention of the Public Accounts Committee, whose support is being sought. This Office is certain that the Public Accounts Committee does not condone attempts at intimidation such as this.*
>
> *The Office feels that this undue interference with its work is a contempt of parliamentary proceedings and maintains that its communication with Parliament is priviliged.*".

Is-Sedja rat x'jgħid l-Att dwar l-Awditur Ġenerali u l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika (Kap 396) fejn jitkellem dwar il-ġurament li huwa mistenni jieħu l-istess Awditur Ġenerali u nikkwota:

> "Jien ....................................... naħlef li se nwettaq il-funzjonijiet ta' Awditur Ġenerali/Deputat Awditur Ġenerali onestament u diliġentement, skont il-Kostituzzjoni u kull liġi oħra li tista' tkun tapplika għal dan minn żmien għal żmien u mingħajr biża' jew favur u mill-aħjar li nista'.".

Is-Sedja rat ukoll l-artikolu 108 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, fejn jitkellem dwar din il-kariga u nibda billi nikkwota minn subartikolu (1) tiegħu jgħid li:

> "(1) Għandu jkun hemm Awditur Ġenerali li l-kariga tiegħu tkun kariga pubblika u li jkollu dawk il-funzjonijiet skont ma hemm provdut fid-disposizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu",

Nikkwota wkoll minn subartikolu (5), li jgħid li:

> "(5) Il-kontijiet:
>
> (a) tad-dipartimenti u uffiċċji tal-Gvern ta' Malta, magħdud l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, u l-uffiċċju tal-Iskrivan tal-Kamra tad-Deputati, u tal-qrati kollha Superjuri u Inferjuri f'Malta, u
>
> (b) ta' dawk l-awtoritajiet pubbliċi l-oħra jew korpi oħra li jamministraw, ikollhom f'idejhom, jew jużaw fondi li jappartjenu direttament jew indirettament lill-Gvern ta' Malta kif jista' jiġi preskritt minn xi liġi jew bis-saħħa tagħha li f'dak iż-żmien tkun fis-seħħ f'Malta,
>
> għandhom jiġu verifikati u jsir rapport dwarhom kull sena mill-Awditur Ġenerali lill-Kamra tad-Deputati u għal dak l-iskop l-Awditur Ġenerali jew kull persuna awtorizzata minnu għal hekk ikollu aċċess għall-kotba, notamenti, reżokonti u dokumenti oħra kollha li jirriferixxu għal dawk il-kontijiet.".

Is-Sedja rat ukoll x'tgħid il-Kostituzzjoni dwar l-istatus parlamentari tal-Awditur Ġenerali u tikkwota mill-Subartikoli 108 (2) tal-istess Kostituzzjoni:

> "108. (2) L-Awditur Ġenerali jkun **uffiċjal tal-Kamra**[1] tad-Deputati u jinħatar mill-President li jaġixxi skont riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati li tgħaddi bis-saħħa tal-voti ta' mhux anqas minn żewġ terzi tal-membri kollha tal-Kamra:"

Is-Sedja tinnota li s-salvagward tad-*due terzi*, kif taf bejn tajjeb il-Kamra, qiegħed hemm biex iħares l-indipendenza ta' tali uffiċċju, liema indipendenza qiegħda wkoll msemmija fis-subartikolu (12) tal-istess Artikolu 108 u nikkwota:

> "(12) Fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom taħt il-Kostituzzjoni, l-Awditur Ġenerali u d-Deputat Awditur Ġenerali ma jkunux suġġetti għall-awtorità jew kontroll ta' ebda persuna oħra."

---

[1] Sottolineat għall-enfasi

Is-Sedja rat ukoll l-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati, Kap. 113 tal-Liġijiet ta' Malta, in partikolari l-artikolu 11(4) fejn jelenka dak li huwa meqjus li jkun jikkostitwixxi reat kontra din l-istess Ordinanza u nikkwota:

> "(d) kull min jaħbat għal Membru, ifixklu jew jinsultah filwaqt li jkun sejjer jew [ej lura mill-Kamra jew min]abba d-dmirijiet tieg]u fil-Kamra, jew kull min, b'forza, b'insult jew b'tehdid, ifittex li jġiegħel Membru illi jiddikjara ruħu favur jew kontra proposta jew xi ħaġa li tkun għadha miexja jew li tkun sejra tinġieb quddiem il-Kamra;
> (f) kull min jaħbat għal **uffiċjal tal-Kamra**, jew jindaħal fid-dmirijiet tiegħu jew jagħmillu reżistenza fil-waqt li dan ikun qiegħed jaqdi jew minħabba li jkun qeda d-dmirijiet tiegħu
> (h) kull min jikkorrompi, ibeżża', jhedded, iqarraq xhud jew b'xi mod mhux xieraq jinfluwenzah dwar ix-xiehda li jkun imissu jagħti quddiem il-Kamra jew Kumitat tagħha;",

Is-Sedja tinnota li dawn il-provvediment fl-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra qiegħdin hemm sabiex jiżguraw li fil-qadi tal-mandat parlamentari tagħhom, il-Membri jkunu jistgħu jaslu għal dawk id-deċiżjonijiet li huma mitluba jieħdu f'isem il-poplu, mingħajr xkiel jew xi forma ta' pressjoni. Dan allura jeħtieġ li lanqas ma għandu jkun hemm ebda xkiel jew pressjoni fuq min ikun qed jidher quddiem Membri Parlamentari sabiex jixhed jew sabiex jipprovdi informazzjoni li fuqha l-Membru se jkun qed jieħu deċiżjoni.

Is-Sedja ħadet nota wkoll tal-korrispondenza li għaddiet bejn Dr Stefano Filletti, l-avukat ta' James Barbara u l-Professur Ian Refalo l-avukat tal-Uffiċċju tal-Verifika fejn ingħad dan:

> "*I am instructed by my clients to clarify that their letter was never intended to offend, disturb or in any way interfere with the investigative work conducted by the NAO. On the contrary, their sole motivation was to defend and safeguare their professional integrity and hard earned positive reputation and trust they enjoy among the business community at large.*
>
> *The message that they wanted to convey was that in so far as they were concerned their participationn in the SVPR tendering process was above board and that any linkage of their business concern with any possible bad practices on the part of third parties would not only be grossly unfair and unfounded but would invevitabliy tarnish their reputation to a great extent and a prejudice to current commercial endeavours of a substantial nature.*"

L-Avukat Filletti jikkonkludi l-ittra billi jgħid:

> "*They have more over reiterated their readiness and availaility to furnish any further clarifications to NAO should these be required.*"

Filwaqt li s-Sedja tinnota li f'din it-tieni ittra s-Sur James Barbara, tramite l-avukat tiegħu qiegħed jiċċara li bl-ebda mod ma jrid jostakola u ixekkel l-investigazzjoni tal-Awditur Ġenerali, anzi li huwa ppreparat li jikkopera mal-Uffiċċju tal-Verifika, is-Sedja tisħaq li jeħtieġ li jintbagħat messaġġ ċar li f'demokrazija parlamentari effettiva, kull min b'xi mod jipprova jimpedixxi jew ixekkel proċedura parlamentari li tkun qed issir bis-saħħa tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra jew bis-saħħa ta' xi liġi, jkun suġġett li jinstab li qed imur kontra l-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra u allura ħati *prima facie* ksur ta' privileġġ.

Għaldaqstant is-Sedja, wara li rat il-korrispondenza relatata ma' dan il-każ u wara li qieset dan skont id-dispożizzonijiet tal-liġijiet li jirregolaw il-ħidma tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, issib lill-persuna ta' James Barbara, li kiteb l-ittra tas-17 ta' Frar 2021 lill-Awditur Ġenerali, u li huwa l-Managing Director ta' James Caterers Limited, hekk kif iffirmat, *prima facie* ħati ta' ksur ta' privileġġ, u dan a tenur tal-istess artikolu ċitat taħt l-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati.

Ir-*ruling* huwa deċiż.